IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2015
COM(2015) 234 final

ANNEX 1

**ANNESS**

**għall-**

**Proposta għal**
**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni 2015 (WRC-15) tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT)**

**ANNESS**

**għall-**

**Proposta għal**
**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni 2015 (WRC-15) tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT)**

Waqt in-negozjati u l-adozzjoni ta' reviżjonijiet għar-Regolamenti tar-Radju tal-UIT fil-WRC 15, għandhom jittieħdu l-pożizzjonijiet li ġejjin f'isem l-Unjoni.

1. Taħt punt 1.1 tal-aġenda:

- tiġi identifikata l-banda 1452-1492 MHz, u l-baned biswit xulxin 1427-1452 MHz u1492-1518 MHz għat-Telekomunikazzjonijiet Mobbli Internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti servizzi passivi taħt il-1427 MHz;
- tiġi allokata fuq bażi ko-primarja lis-servizz ċellulari u tiġi identifikata għat-Telekomunikazzjoni Mobbli Internazzjonali l-banda 3400-3800 MHz;
- tiġi rrifjutata l-allokazzjoni ko-primarja lis-servizz mobbli tal-banda 470-694 MHz fl-Ewropa;
- ma tiżdiedx l-allokazzjoni ko-primarja lis-servizz mobbli tal-baned 5350-5470 MHz u 5725-5850 MHz u lanqas ma jiġu identifikati għal IMT dawk il-baned kif ukoll il-banda 5850-5925 MHz, filwaqt li jiġu studjati aktar dawn it-tliet baned bil-ħsieb li jitqies l-użu tagħhom għan-networks taż-żona lokali bir-radju u jiġi żgurat li l-użu primarju huwa protett f'kull każ.

2. Taħt punt 1.2 tal-aġenda:

- jiġu stabbiliti l-livelli ta' protezzjoni għas-servizz tax-xandir taħt is-694 MHz skont ir-riżultati tal-istudji mwettqa mill-Conférence Européenne des Postes et Télécommunications u jiġi stabbilit it-tarf saflieni tal-banda għal 694 MHz;
- ma jiġux miżjuda restrizzjonijiet addizzjonali għall-protezzjoni tax-xandir fil-banda 694-790 MHz għalkemm jistgħu jiġu adottati miżuri biex jiżguraw koeżistenza bbilanċjata bejn il-wireless broadband u sistemi ta' radjunavigazzjoni ajrunawtiċi eżistenti mal-fruntieri tal-lvant tal-UE fil-banda 694-790 MHz.

3. Taħt punt 1.18 tal-aġenda, tiġi allokata l-banda 77.5-78 GHz għas-servizz ta' radjulokazzjoni u l-użu ta' dik il-medda għal radars tal-vetturi mingħajr l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet eċċessivi, iżda jiġi rikonoxxut li l-istazzjonijiet tar-radjuastronomija għandhom ikomplu jibbenefikaw minn protezzjoni;

4. Taħt punt 10 tal-aġenda, punt fl-aġenda għall-WRC-19 li jindirizza l-ħtiġijiet tal-ispettru għal sistemi mobbli 5G għandu jiġi appoġġat, b'enfasi 'l fuq minn 6 GHz għal allokazzjonijiet ġodda u approċċ komuni biex jitnedew studji ta' kompatibbiltà relatati qabel il-WRC-19.

5. Meta tiġi nnegozjata kwalunkwe emenda rilevanti għar-Regolamenti tar-Radju tal-UIT fil-WRC-15, tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari li l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għal netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi u d-Deċiżjoni 243/2012/UE li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju jiġu osservati, u ma jkollhom l-ebda preġudizzju għal aktar żvilupp prevedibbli.